# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) 5-6-7 | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** ____________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A | B | Ċ | Di | Dii | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 14 | 10 | 6 | 15 | 15 | 20 | 80 |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Kelb Bravu

Bejjiegħ tal-laħam ra kelb b'qoffina f'ħalqu jipponta biex jidħollu ġol-ħanut. Ipprova jkeċċih imma għalxejn għax dan xorta daħal. Ġo dik il-qoffina l-bejjiegħ sab karta miktuba. Ma' għonq il-kelb innota li kien hemm mdendla borża żgħira bil-flus. *(par. 1)*

Tal-laħam induna x'ried il-kelb għalhekk poġġielu l-laħam fil-qoffina u tah il-bqija. Il-kelb dlonk qabad il-qoffa b'ħalqu u telaq lura minn fejn kien ġie. Dan ir-raġel baqa' mistagħġeb u mar warajh. *(par. 2)*



Il-kelb beda miexi u f'mument minnhom ried jaqsam t-triq. Huwa mar ħdejn id-dwal tat-traffiku u kif id-dawl qaleb aħdar il-kelb qasam. *(par. 3)*

Il-kelb baqa' sejjer fuq l-istejġ jistenna l-karozza tal-linja. Ra n-numru tal-karozza li jrid jirkeb u malli ġiet it-tieni karozza tal-linja rikeb. Wara xi għoxrin minuta, qam u mar ħdejn ix-xufier. Dan waqqaf il-karozza, fetaħlu l-bieba u l-kelb niżel bil-qoffina f'ħalqu. *(par. 4)*

Il-kelb baqa' miexi u wara ftit kiser biex jidħol f'dar. Ipprova jagħmel is-saħħa biex jimbotta l-bieb imma għalxejn. Għalhekk tela' fit-tieqa u beda jħabbat rasu mal-ħġieġa għal ħafna drabi. Raġel kbir deher jiftaħ u hekk kif il-kelb mexa pass 'il ġewwa dan beda isawtu bla ħniena. Tal-laħam ma felaħx aktar u mar iwaqqfu. Qallu li qatt ma kien ra kelb hekk bravu. Iżda r-raġel l-ieħor kien pront irrispondih li kieku l-kelb kien bravu ma kienx jerġa' jinsa ċ-ċavetta warajh! *(par. 5)*

Ċerti nies ma jikkuntentaw b'xejn u dejjem iridu jsibu xi difett fl-oħrajn. Tgħallem ara s-sabiħ u t-tajjeb tal-oħrajn. *(par. 6)*

(Adattament minn *Flimkien Marzu 2010*)

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(14-il marka)** | ___ / **14** |
|---|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.**

1. X'ried jagħmel il-kelb tal-qoffina?

   ____________________________________________________________**(marka)**

2. Il-bejjiegħ tal-laħam kif induna li l-kelb ried jixtri l-laħam?

_______________________________________________________________________________(marka)

3. Tal-laħam minn fejn ġab il-flus biex jitħallas tax-xirja li poġġielu fil-qoffina?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(marka)

4. Għaliex taħseb li l-kelb mar fuq id-dwal tat-traffiku minflok qabad u qasam it-triq?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(marka)

5. In-nies x'taħseb li qalu meta raw lill-kelb jaqsam minn fuq id-dwal tat-traffiku?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(marka)

6. X'kienet l-ewwel ħaġa li għamel il-kelb meta wasal fuq l-istejġ?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(marka)

7. Kif induna x-xufier li l-kelb ried jinżel?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________ (marka)

8. Taħseb li l-kelb kien imdorri jiftaħ il-bieb tad-dar waħdu? Għaliex taħseb hekk?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(2 marki)

9. Agħti żewġ raġunijiet għaliex taħseb li l-kelb beda beda jħabbat rasu mal-ħġieġa tat-tieqa?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(2 marki)

10. Kif ħassu tal-laħam meta ra lir-raġel l-ieħor isawwat lil kelb u x'iddeċieda li jagħmel?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________ (2 marki)

11. Kieku int kont sid dan il-kelb x'kont tagħmel meta taraħ fit-tieqa?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(marka)

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** | ___ **10** |
|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Immarka **l-għadd imtenni** tal-kelma b'linja taħtha: "mexa pass" (par.5) | (marka) a. ❑ passejn | b. ❑ passi | ċ. ❑ pass |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2. | Agħti **l-plural sħiħ** ta': triq (par.3) | (marka) a. ❑ toroq | b. triqat | ċ. ❑trejqiet |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3. | Agħti **l-plural miksur** ta': raġel (par.5) | (marka) a. ❑ rġulija | b. ❑ rġiel | ċ. ❑ riġel |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | Aqta' linja taħt il-frażi li qiegħda f**l-istat kostrutt**. | (marka) "Ma' għonq il-kelb innota li kien hemm mdendla borża żgħira bil-flus." (par. 1) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5. | Il-verb **baqa'** (par.4) hu | (marka) a. ❑ trilitteru | b. ❑ kwadrilitteru | ċ. ❑ trux |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6. | Uża **l-pronomi mehmużin** sabiex tikteb il-frażijiet mogħtija **f'kelma waħda**: | | | |
| | a. "qabad il-qoffa" (par.2) : | (marka) i. ❑ qabada | ii. ❑ qabadgħa | iii. ❑ qabadha |
| | b. "ħdejn ix-xufier" (par.4) : | (marka) i. ❑ ħdejħ | ii ħdejh | iii. ❑ ħdejgħ |

| | | |
|---|---|---|
| 7. | Mit-tielet paragrafu, sib **verb** skont l-għerq mogħti: | |
| | a. **q-l-b** | (marka) |
| | b. **m-w-r** | (marka) |

| | | |
|---|---|---|
| 8. | Aqta' linja taħt il-**pronom dimostrattiv**. | (marka) Dan ir-raġel baqa' mistagħġeb u mar warajh. (par.5) |

| **Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali** | **(6 marki)** | **—— 6** |
|---|---|---|

Agħżel **waħda** minn **Ċ1 JEW Ċ2**

▶ **Ċ1.** Iz-ziju għadu kemm tak kelb biex trabbih. Hu tak struzzjonijiet kif għandek tieħu ħsiebu sabiex dan il-kelb jibqa b'saħħtu u kuntent. Ikteb dawn **l-istruzzjonijiet** f'madwar **40-60 kelma**.
(Xi punti li jistgħu jgħinuk: *ikel tajjeb, ilma frisk, mixjiet, indafa, żjarat regolari għand il-veterinarju*)

**JEW**

▶ **Ċ2.** Il-ġenituri tiegħek ħarġu kmieni għax-xogħol għalhekk ħallewlek karta bl-istruzzjonijiet sabiex filgħodu tipprepara ħobża żgħira biż-żejt u t-tadam sabiex teħodha miegħek l-iskola. Ikteb dawn **l-istruzzjonijiet** f'madwar **40-60 kelma**.
(Xi punti li jistgħu jgħinuk*: ħobża friska, żejt, tadama, żebbuġ, kappar, bżar, melħ, ġbejna tal-bżar, nagħniegħ, merqtux, ħabaq,*)

| **Immarka n-numru tal-mistoqsija magħżula ▶** | ❑ **Ċ1** | ❑ **Ċ2** |
|---|---|---|

| **D. Il-Letteratura** | **(30 marka)** | ____ **30** |
|---|---|---|

**Di. Il-Poeżija** (Nadriet 2 ta' Tarċisju Zarb) **(15-il marka)**

1. Din hija l-poeżija **It-Tokki tal-Paternoster** ta' Achille Mizzi

**Fejn hu l-Paternoster,**
**nann ...?**
**u l-kafé fl-istanjata**
**jgħanni**
**is-sħana tal-friex**
**irdussat ?**
**Fejn hu l-Paternoster**
**li jgerrex**
**bis-setgħat**
**tal-kampnari mirjieħa**
**l-għefiered**
**li jħufu**
**fid-dalma tal-lejl.**



a. Ma' min qiegħed jitkellem il-poeta?

i. ma' ommu ❑
ii. man-nanna jew man-nannu ❑
iii. mal-Paternoster. ❑ **(marka)**

b. X'kien jisma' jgħanni l-poeta waqt il-Paternoster?

______________________________________________ **(marka)**

ċ. Il-Paternoster x'kien ikeċċi?

i. il-mejtin ❑
ii. il-maltemp ❑
iii. l-għefiered. ❑ **(marka)**

d. Xħin kien idoqq il-Paternoster?

i. filgħodu kmieni ❑

ii. f'nofsinhar ❑

iii. tard filgħaxija. ❑ **(marka)**

e. Fejn kienu jkunu jħufu l-għefiered?

________________________________________ **(marka)**

f. Minn fejn kienu jiġu t-tokki tal-Paternoster?

i. mill-kampnar ❑

ii. mill-kappella ❑

iii. mill-għelieqi. ❑ **(marka)**

ġ. F'liema żmien ta' ħajtu taħseb li qiegħed jiftakar il-poeta f'din il-poeżija?

________________________________________ **(marka)**

g. X'vers fiha din il-poeżija?

i. settenarju ❑

ii. ottonarju ❑

iii. ħieles. ❑ **(marka)**

għ. Illum għadek tisma' t-tokki tal-Paternoster?

i. iva ❑

ii. le ❑

iii. kultant. ❑ **(marka)**

2. Aqra din is-silta meħuda mill-poeżija ta' Joe Friggieri, **Id-Dwejra** u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**Qabli kien hawn**
**dal-ġebel tiela' minn ġol-baħar**
**dal-blat maqtugħ tal-Ġeneral**
**das-sħab irqiq**
**iħokk mal-preċipizzju**
**u dal-farfett-dragun dib-ix-xitan**
**iżiġġ fuq l-ilmijiet**
**u jerġa' lura.**



a. Fejn tinsab Id-Dwejra?

i. Malta ❑
ii. Għawdex ❑
iii. Kemmuna. ❑ **(marka)**

b. Qabel ma kien hemm il-poeta x'kien hemm x'kien hemm tiela' minn ġol-baħar?

i. blat ❑
ii. granċijiet ❑
iii. dgħajjes. ❑ **(marka)**

ċ. X'hemm fuq ix-xatt u x'inhu jagħmel?

________________________________________________________________**(2 marki)**

d. X'inhu "**dal-farfett-dragun**" ?

i. annimal ❑
ii. dragun ❑
iii. insett. ❑ **(marka)**

e. X'inhuma "**l-ilmijiet**" li qiegħed isemmi l-poeta fil-poeżija?

______________________________________________________________________**(marka)**

**Dii. Ir-Rumanz** (Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta ta' Trevor Żahra) **(15-il marka)**

1.Tnejn mill-bnadar li għaraf Toni meta daħal wara l-fuklar kienu ____________________ u

________________________. **(2 marki)**

2. In-nanna Ġolina kienet tħobb iġġemma l- ___________________________ u toqgħod

t________________ . **(2 marki)**

3. X'kienu jagħmlu z-zija Ġemma u zija Antida?

a. sefturi ❑ b. għalliema ❑ ċ. skrivani ❑ **(marka)**

4. Toni kien iqabbel il-bniedem mal-

a. annimali ❑ b. insetti ❑ ċ. bnadar ❑ **(marka)**

5. Toni, oħtu Grace u ommhom telqu mill-Amerka u ġew lura Malta għax kien _________________

missier Toni. **(marka)**

6. In-nanniet l-oħra ta' Toni kien jisimhom _______________ u ___________________ . **(2 marki)**

7. Iz-zija Ġemma kellha xagħarha_________________, tħobb tixrob il-________________________ ,

tkellem lil T____________ u ċ____________________ . **(4 marki)**

8. Paċifiku kien miet b'____________ ta' tieqa fuq moħħu u issa kien jinsab fil-________________

ta' omm Toni. **(2 marki)**

| E. Il-Komponiment | (20 marka) | ___ 20 |
| --- | --- | --- |

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **150 kelma** fil-linji pprovduti.

1. **Narrattiv:** *Ibda l-komponiment b'dan li ġej.* Kien hemm dlam ċappa u bdejt ngħaġġel kemm niflaħ biex infittex nasal imma f'daqqa waħda smajt twerżiqa kbira ...

**Għajnuniet:**

- **Tinsiex li dan il-komponiment trid tibdieh bis-sentenza mogħtija.**
- Min fejn kont ġej jew fejn kont sejjer?
- Kont għajjien? It-temp kif kien dakinhar?
- Fejn ġrat din l-istorja? Għaliex seħħet din it-twerżiqa?
- X'rajt malli dawwart rasek? Min kien involut? Weġġa' xi ħadd? Bżajt?
- X'ħassejt? X'għamilt dak il-ħin? Kien hemm min jgħinek?
- X' tgħallimt minn din l-istorja?

2. **Deskrittiv:** Il-ġirien tiegħi.

**Għajnuniet:**

- Iddeskrivi fejn toqgħod u xi kemm għandek ġirien?
- Liema ġirien tħobb l-aktar u għaliex? Xi ħadd minnhom iħobb jgħin iżjed mill-oħrajn?
- Hemm xi ġirien li jdejquk? Għaliex? X'jagħmlu ? Kulħadd jaħseb hekk?
- Hemm xi ġirien li huma storbjużi jew kwieti aktar minn oħrajn? X'jagħmlu?
- Jekk ikollok ċans tagħżel il-ġirien tiegħek, terġa', tagħżel l-istess ġirien?
- Għid x'tagħmel int biex dejjem iżżomm il-paċi u l-ħbiberija mal-ġirien tiegħek

3. **Argumentattiv:** X'l-aħjar nużaw biex nivjaġġaw, il-karozza tagħna jew mezzi oħra? Iddiskuti.

**Għajnuniet:**

- Taħseb li l-ħajja mgħaġġla tal-lum taffettwa l-mod ta' kif wieħed jagħżel li jivjaġġa? Jekk iva kif?
- X'vantaġġi u żvantaġġi hemm meta tuża l-karozza tiegħek? Kumdità? Tniġġis tal-ambjent?
- X'mezzi oħra tista' tuża biex tivjaġġa? Trasport pubbliku? Rota? Mixi?
- X'vantaġġ jew żvantaġġi fihom dawn il-mezzi l-oħra? Iddum? Irħas? Tagħmel l-eżerċizzju?
- X'taħseb li għandu jsir f'Malta biex nivjaġġaw b'aktar ħeff , sikurezza u anqas tniġġis?
- Fil-futur x'taħseb li għad nibdew nużaw biex nivjaġġaw? Xi invenzjoni ġdida?

.

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**

| Immarka n-numru tal-komponiment magħżul ▶ | ❑ 1 | ❑ 2 | ❑ 3 |
|---|---|---|---|

**TMIEM IL-KARTA**